3 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Micallef *versus* Elena Grech et.

## Provi — Kuntratt — Impunjazzjoni — Danni — Xhieda Kontra l-Miktub

*Trattandosi ta' impunjazzjoni ta' kuntratt, il-ġurisprudenza tagħna tirrikonoxxi l-ammissibbilità ta' provi estranei għall-att u ta' dawk il-mezzi probatorji kollha awtorizzati mill-Liġi tal-Proċedura, fosthom il-prova testimonjali.*

*Din il-prova ssir aktar meħtieġa meta tkun trid tiġi definita kwistjoni ta' responsabilità tad-danni konsegwentement għall-iżball pretiż inkors fl-att impunjat; kif ukoll meta jkun il-każ ta' ħtija tad-danneġġjant u tad-danneġġjat.*

Il-Qorti; — Fuq it-talba tal-konvenuti biex jippruvaw, per mezz ta' xhieda, illi l-ftehim bejniethom kien jirrigwarda ċ-ċens għal 42 sena li kien fadal mill-enfitewsi, u illi kien in-Nutar Emmanuele Agius, li ppublika l-att tat-trasferiment, li daħħalhom fi żball u indika fil-kuntratt li kien fadal miċ-ċens 55 sena;

Rat il-verbal tat-18 ta' Marzu 1955 (fol. 24), fejn il-konvenuti ddikjaraw li l-provi testimonjali li jridu jġibu huma ntiżi biex jiddimostraw li l-intenzjoni tagħhom kienet differenti minn dik li tirriżulta mill-kuntratt, u li qatt ma kienet dik li jipprestaw garanzija għaż-żmien kollu ndikat minn nutar bi żball, imma għal 42 sena;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi għall-prova testimonjali, kif fuq offerta mill-konvenuti, l-attur oppona ruħu, u nvoka l-prinċipju "contra scriptum testimonium non scriptum non fertur";

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt li, mentri l-perijodu li kien fadal mill-enfitewsi in kwistjoni kien ta' 42 sena, fil-kuntratt ġie dikjarat li kien ta' 55 sena, u li in konsegwenza ta' dina d-dikjarazzjoni erronea l-attur sofra danni, li tagħhom talab li l-konvenuti jiġu dikjarati

responsabbli solidament, u jiġu kundannati solidalment iħallsu lill-attur dawk id-danni li jkunu likwidati mill-Qorti. Għal dan, il-konvenuti wieġbu li, meta sar l-akkordju, iż-żewġ kontendenti kienu jafu li ċ-ċens kien jagħlaq wara 42 sena, u kien biss fuq suspett tan-Nutar Emmanuele Agius li t-terminu ġie ndikat bħala 55 sena ċirka;

Illi, sostanzjalment, l-attur qiegħed jimpunja l-att tat-trasferiment; jekk mhux fis-sens li jrid iwaqqgħu u jirrendieħ mingħajr effett, fis-sens pero' li jrid li jiġi korrett l-iżball li hemm fih dwar id-durata rimanenti tal-enfitewsi. Trattandosi ta' impunjazzjoni, il-ġurisprudenza tagħna tirrikonoxxi l-ammissibbilità ta' provi estranei għall-att u ta' dawk il-mezzi probatorji kollha awtorizzati mill-liġi tal-proċedura, fosthom il-provi testimonjali. Difatti, kif osservat din il-Qorti, "siccome l'errore può risultare da elementi estrinseci al contratto, e di regola sorge durante le trattative antecedenti al contratto, quando il venditore crede di invogliare l'eventuale compratore colla descrizione del fondo, è ovvio che la prova testimoniale deve essere ammessa per dimostrare l'errore" (Kollez. XXVIII-II-179);

Illi dina l-prova ssir aktar meħtieġa biex tiġi riżoluta l-kwistjoni tar-responsabilità tad-danni; difatti, skond l-art. 1074 (Kod. Ċiv.), "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"; u f'każ ta' żball, dana ma jkunx imputabbli meta jkun skużabbli, jew meta jkun kaġun tal-iżball l-istess danneġġjat, in forza tal-prinċipju "qui culpa sua damnum sentit non intelligitur damnum sentire"; u fil-każ ta' kolpa kontributorja jeħtieġ li, mill-provi, jiġi stabbilit il-grad ta' dik il-ħtija fid-danneġġjant u fid-danneġġjat (art. 1094 Kod. ċit.). Hawn mhux ta' min jinjora ċ-ċirkustanza li n-Nutar Agius, jekk għamel l-iżball lamentat, kien il-mandatarju taż-żewġ kontraenti (arg. art. 82 Kap. 92 tal-Liġijiet ta' Malta, u Kollez. XIX-II-65), u tal-aġir tiegħu jistgħu jkunu tenuti ż-żewġ partijiet;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-konvenuti, billi tiddikjara ammissibbli l-provi testimonjali biex jaċċertaw illi fil-ftehim bejn il-kontendenti kienet ġiet indikata d-durata rimanenti ta' 42 sena taċ-ċens oriġinali, u li fil-kuntratt ġie ndikat iż-żmien

ta' 55 sena ċirka fuq suġġeriment erroneu tan-Nutar waqt il-publikazzjoni tal-kuntratt. L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur. U peress li l-kawża ma tistax tispiċċa f'din is-sessjoni, tiddifferiha għas-smiegħ ta' dawn il-provi għall-udjenza tal-10 ta' Novembru, 1955.